**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Spagnol)**

**Vs**

**Alessio Agricola**
**Emanuel Ferestieri**

Kaz Numru: 1/2016

Illum 25 ta' Dicembru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Alessio Agricola ta' 23 sena, iben Giuseppe u Lucia nee' Ultrerea, imwieled l-Italia fid-19 ta' Lulju, 1992, u residenti St. George's Hotel Room 811, numru tal-karta tal-identita Taljna AR117692 u Emanuel Ferestieri ta' 21 sena, iben Salvatore u Paula nee' Covato, imwieled l-Italia fis-16 ta' Marzu, 1944, u residenti St. George's Hotel Room 811, numru tal-karata tal-identita Taljana AX0218130:

Talli nhar l-24 ta' Dicembru 2015, ghal habta tas-16:20hrs gewwa kamra numru 813 tal-fond St. George's Hotel, Triq id-Draguna, San Giljan, ikkommettew serq aggravat bi 'mezz' ghad-detriment ta' John William Jacklin.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Rat li fis-seduta tallum l-imputati irregistraw ammissjoni  u wara li l-Qorti tathom zmien biex jirrikunsidraw l-posizzjoni taghhom ikkonfermaw l-istess ammissjoni.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettaw l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u ghaldaqstant dawn gew sodisfjacentement ippruvati.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinsabu hatja l-imputati, ic-cirkostanzi tal-kaz, il-fatt li ser jaghmlu tajjeb ghall-ammont minnhom misruq.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b), 263 u 278(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannhom ghal sena (1) prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien sentejn (2) millum.

Inoltre' a tenur tal-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-hatja jhallsu l-ammont ta' €200 lil John William Jacklin.

Il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hatja b'garanzija personali ta' elf Euro (€ 1000) kull wiehed ghal zmien sena millum fil-konfront ta' John William Jacklin u Joanne Lane.

Il-Qorti spjegat lill-hatja bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettqu reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat